**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni tal-Familja**

**Magistrat Dr Brigitte Sultana LL.D., LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Seduta tal-21 ta' Jannar 2020**

**Rikors numru:- 24/2019 (BS)**

**MM**

**Vs**

**DD**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' MM fejn ikkonfermat bil-gurament:

1. Li hija zzewget lil DD fil-hamsa (5) ta' Awwissu elfejn u sitta (2006) u c-certifikat taz-zwieg relattiv gie iskritt fir-Registru Pubbliku ghal Ghawdex bin-numru progressiv mija u sitta ta' dik l-istess sena (106/2006) (Dokument A anness) u minn dan iz-zwieg ma kellhiex ulied.

2. Illi l-partijiet ilhom separati ghal aktar minn erba' snin. Difatti, huma sseparaw *de jure* minn xulxin bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joanne Cauchi tat-tmienja (8) ta' Ottubru elfejn u tlettax (2013).

3. Illi bis-sahha ta' dak il-kuntratt, huma kienu anke llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom.

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli, jew remot, ghal rikonciljazzjoni bejniethom peress li minbarra li lhom snin twal mifruda, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

5. Illi l-esponenti tixtieq li jigi ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet.

6. Ghaldaqstant umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

   a. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;

   b. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti lilu ghal daqshekk minn din l-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi debitament irregistrat fir-Registru Pubbliku.

Rat in-nota ta' l-intimat li biha jiddikjara li  mhux jopponi t-talba ghad-divorzju.

Rat illi l-partijiet fl-atti kkonfermaw bil-gurament li ilhom mifrudin ghal aktar minn erba' snin u li m'hemmx tama ghal rikonciljazzjoni.

Rat ukoll id-dikjarazzjoni tal-partijiet kif debitament rappreżentati mill-avukati rispettivi tagħhom illi ma hemmx pretensjonijiet partimonjali  il-partijiet.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha.

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-kundizzjonijiet mehtiega ghad-divorzju gew kollha sodisfatti. Infatti rrizulta li l-partijiet isseparaw bonarjament b'kuntratt pubbliku fis-sena 2013 u ilhom snin twal mifrudin.  Irrizulta b'mod car minn dak li qalu l-partijiet li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli li jirrikonciljaw.

Rat illi fl-istess kuntratt ta' separazzjoni il-partijiet iddikjaraw illi m'ghandhom jithallsu ebda alimenti lil xulxin u ghalhekk irrinunzjaw reciprokament ghal kull dritt ghall-alimenti spettanti li xi parti kontra l-ohra u ghalhekk jirrizulta li llum ma hu dovut l-ebda manteniment lill-parti jew ohra skont il-ligi.

Rat illi fir-risposta tieghu l-intimat mhux qed jopponi t-talba.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

(ft.) Dr Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur